



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 21 ta' Diċembru 2011 (16.01)
(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:
2011/0449 (COD)**

**18938/11
ADD 1**

**GAF 27
FIN 1098
CADREFIN 223
CODEC 2514**

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Diċembru 2011
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SEC(2011) 1614 finali
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNALTAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabilixxi programm ta' skambju, għajjnuna u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalszifikar (il-programm 'Pericles 202')

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż dokument tal-Kummissjoni SEC(2011) 1614 finali.

Mehmuż: SEC(2011) 1614 finali



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 19.12.2011
SEG(2011) 1614 finali

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNALTAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jistabilixxi programm ta' skambju, għajnuna u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro
kontra l-iffalszifikar (il-programm 'Pericles 2020')**

{KUMM(2011) 913 finali}
{SEG(2011) 1615 finali}

Dan ir-rapport jimpenja biss lis-servizzi tal-Kummissjoni involuti fit-tnejn tiegħu u ma jippreġudikax il-forma finali ta' kwalunkwe deċiżjoni li għandha tittieħed mill-Kummissjoni.

Sommarju Eżekuttiv tal-Valutazzjoni tal-impatt dwar il-programm Pericles

1. IL-KUNTEST U L-KONTRIBUT TAL-POLITIKA GĦALL-PRJORITAJIET TAL-UE

Il-programm Pericles huwa skambju, għajnuna u programm ta' taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalzifikar. Huwa amministrat mill-OLAF.

It-Trattat jirrifletti tħassib dwar il-protezzjoni tal-euro billi jipprovdi għall-miżuri meħtieġa għall-użu tagħha bħala munita unika (l-Artikolu 133 TFUE). Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001¹ jistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalzifikar u jipprovdi għal skambji ta' informazzjoni, kooperazzjoni u assistenza reċiproka, u b'hekk jistabbilixxi qafas armonizzat għall-protezzjoni tal-euro.

Il-baġit propost għal Pericles 2014-2020 huwa EUR 1 miljun fis-sena.

2. KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI

Il-valutazzjoni tal-impatt tirrifletti konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati, speċjalment fis-servizzi operazzjonali tal-Istati Membri, servizzi oħra tal-Kummissjoni u korpi oħra tal-UE, kif ukoll esperjenza operattiva tal-OLAF u l-esperjenza tal-Kummissjoni fil-ġestjoni tal-programm. Tinkorpora materjal tal-evalwazzjoni intermedja tal-programm li tlesta kmieni fl-2011.

3. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA U L-LOĠIKA TAL-INTERVENT

3.1. Skala

Il-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalzifikar huwa sforz bla waqfien ibbażat fuq il-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri. Il-programm Pericles jissodisfa l-ħtieġa li jibqgħu għaddejjin l-attivitajiet ta' sorveljanza, taħriġ u għajnuna teknika li huma fundamentali għall-appoġġ tal-ħarsien tal-euro kontra l-iffalzifikar, billi jipprovdu qafas stabbli għall-ippjanar tal-attivitajiet tal-Istati Membri.

Il-Grupp ta' Esperti dwar l-iffalzifikar tal-euro (ECEG) jikkoordina u huwa assoċjat mal-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' Pericles.

3.2. Fatturi muturi

Il-valutazzjoni tal-impatt tidentifika dawn il-fatturi muturi ewlenin li għandhom jiġu indirizzati minn Pericles 2020:

- l-euro tkompli tkun mira għal gruppi kriminali organizzati attivi fl-iffalzifikar tal-flus, mhux biss fl-Ewropa iżda wkoll f'reġjuni oħra tad-dinja bħal l-Amerika t'Isfel u l-Asja tal-Lvant;

¹ ĠU L 181, 4.7.2001, p. 6.

- differenzi fl-inċentivi u l-kapaċitajiet bejn il-pajjiżi jimpedixxu protezzjoni uniformi tal-euro kontra l-iffalzifikar.

3.3. Problemi

Taħt kull fattur mutur, problemi speċifiċi huma identifikati. Dawn jinkludu: iż-żamma tal-prijorità li l-Istati Membri tal-UE jagħtu lill-ġlieda kontra l-falzifikazzjoni tal-euro, li ssaħħa l-protezzjoni tal-euro fl-Ewropa tax-Xlokk u tespandi l-kopertura fl-Amerika t'Isfel, u tidentifika oqsma fejn ir-riskju huwa emerġenti.

4. GĦANIJET TAL-PROGRAMM

4.1. Għan ġenerali

L-għan ġenerali tal-programm għandu jkun li jipprevjeni u jiġġieled kontra l-frodi u l-iffalzifikar biex b'hekk tissaħħa l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.

4.2. L-għan speċifiku

L-għan speċifiku tal-programm għandu jkun biex jipproteġi l-karti u l-muniti tal-euro kontra l-iffalzifikar u l-frodi relatata, billi jappoġġja u jissupplementa l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u jassisti l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u Ewropej fl-isforzi tagħhom sabiex jiżviluppaw bejniethom u mal-Kummissjoni Ewropea kooperazzjoni mill-qrib u regolari, inklużi wkoll pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Dan l-għan għandu jitkejjel, fost oħrajn, permezz tal-effettività tal-azzjoni mill-awtoritajiet finanzjarji, tekniċi, tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet ġudizzjarji, kif imkejjel permezz ta' ammonti ta' flus foloz misjuba, workshops illegali żarmati, individwi arrestati u sanzjonijiet imposti.

5. SUSSIDJARJETÀ U VALUR MIŻJUD TAL-UE

L-euro tibqa' mira attraenti għal gruppi ta' kriminalità organizzata attivi fl-iffalzifikar tal-flus, mhux biss fl-Ewropa iżda wkoll f'reġjuni oħra tad-dinja. Id-dimensjoni internazzjonali tat-theddida fir-rigward tal-falzifikazzjoni tal-euro titlob għal koordinazzjoni sovrannazzjonali biex din tiġi indirizzata; permezz tal-programm Pericles, il-Kummissjoni tmexxi tali koordinazzjoni abbażi ta' skambji, attivitajiet ta' taħriġ u assistenza teknika. Partikolarment, billi jimplimenta strateġija speċifika ta' taħriġ u assistenza miftiehma mal-Istati Membri, il-programm jikkomplementa taħriġ nazzjonali billi jżid dimensjoni multi-dixxiplinarja u transnazzjonali. Joffri lill-benefiċjarji l-opportunità li jieħdu sehem f'taħriġ internazzjonali, u jgħolli l-livell tal-kooperazzjoni barra l-Unjoni Ewropea billi jinvolvi direttament il-pajjiżi terzi l-aktar sensittivi f'attivitajiet ta' taħriġ speċifiċi.

6. TQABBIL TAL-ALTERNATTIVITA' POLITIKA

Alternattiva 1: Il-programm jtkompla bl-istess livell ta' finanzjament (ix-xenarju tal-linja bażi).

Alternattiva 2: Jiġġedded il-programm Pericles b'titjib fl-għanijiet u l-metodoloġija, inkluż b'mod partikolari żieda fir-rata massima tal-kofinanzjament.

Alternattiva 3: Pericles jingħaqad ma' programmi oħra tal-Kummissjoni.

Alternattiva 4: Il-programm Pericles jieqaf, u jkunu l-Istati Membri li jorganizzaw attivitajiet fuq livell nazzjonali għall-protezzjoni tal-euro.

Fid-dawl tal-esperjenza tal-passat, li hija marbuta mill-qrib mal-attivitajiet kemm tal-Istati Membri kemm tal-Kummissjoni sabiex jiproteġu l-euro, kif ukoll l-impatt mistenni, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' attivitajiet, l-għażla li jiġġedded il-programm b'għanijiet u metodoloġija mtejbja huwa ppreferut. Din l-alternattiva tkun allokazżjoni baġitarja fi prezzijiet reali li tibqa' simili għall-allokazżjoni attwali (madwar miljun euro fis-sena). Din iżżid il-flessibiltà sabiex jiġi ddeterminat l-ammont tas-sussidju billi tiġi ssimplifikata d-determinazzjoni tal-ispejjeż li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri²; twessa' il-firxa ta' attivitajiet eliġibbli billi trendi possibbli l-finanzjament tax-xiri ta' tagħmir biex jintuża minn aġenziji speċjalizzati kontra l-iffalzifikar f'pajjiżi terzi għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalzifikar; u żżid ir-rata ta' kofinanzjament sa massimu ta' 90 % tal-ispejjeż eliġibbli, *f'każijiet eċċezzjonali debitament sostanzjati*. Din għandha ttiprovdi risposta għal tendenza li żviluppat fis-snin riċenti, fejn l-Istati Membri huma inqas kapaċi biex jikkofinanzjaw il-proġetti minħabba nuqqas ġenerali ta' fondi disponibbli għal amministrazzjonijiet pubbliċi. B'mod partikolari, rata ogħla ta' kofinanzjament għandha tiffaċilita distribuzzjoni ġeografika aktar ibbilanċjata ta' attivitajiet billi toffri ambitu għall-Istati Membri biex japplikaw.

B'kuntrast, jekk il-programm jitwaqqaf tonqos in-nefqa fil-livell tal-UE, iżda mingħajr ma tiġġenera tfaddil reali jew tpaċija ta' riżorsi fil-livell nazzjonali jew fil-qafas ta' programm ieħor tal-UE, u għaldaqstant ipoġġi fir-riskju l-protezzjoni effettiva u uniformi tal-euro fl-Istati Membri u f'pajjiżi terzi.

7. RABTIET MA' INIZJATTIVIOHRA WARA L-2013

Il-koordinazzjoni meħtieġa saret bejn l-OLAF u servizzi oħra tal-Kummissjoni biex jiġu evitati s-sovrappożizzjonijiet jew il-konfużjoni bejn il-programmi.

8. IS-SIMPLIFIKAZZJONI U T-TNAQQIS TAL-PIŻ AMMINISTRATTIV

Abbażi tar-riżultati tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, il-programm se jrendi t-tnejn ta' applikazzjonijiet aktar faċli għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri u jitnaqqas il-piż amministrattiv, il-kalkolu tal-ammonti li jingħataw se jsir aktar ċar u l-programm aktar faċli għall-utent. Il-leġiżlazzjoni se tkun emendata biex tippermetti aktar flessibbiltà fl-użu tal-ammont mogħti; dan il-għan se jintlaħaq billi jiġu ssimplifikati dawk id-dispożizzjonijiet finanzjarji fil-programm li jiddefinixxu strettament l-ispejjeż speċifiċi li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni.

² Ara l-Artikoli 8-11 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill [2001/923/KE](#) tas-17 ta' Diċembru 2001.

Miżura oħra ta' simplifikazzjoni prevista tinvolvi l-informazzjoni u l-konsultazzjoni diretta tar-rappreżentanti tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Iffalzifikar tal-Euro tal-Istati Membri (ECEG) fi stadji differenti tal-implimentazzjoni tal-programm.

9. SORVELJANZA U EVALWAZZJONI

Rapporti annwali dwar ir-risultati, inkluż konsistenza u kumplimentarjetà ma' programmi oħra tal-UE, se jingħataw lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill; Barra minn hekk, evalwazzjoni indipendenti tal-kisbiet tal-għanijiet tal-programm — evalwazzjoni ta' nofs it-terminu – hija ppjanata (mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017). B'żieda ma' dan, rapport finali dwar il-kisba tal-għanijiet tal-programm se jintbagħat lill-awtorità baġitarja sa tmiem l-2021.